**14 ta' Diċembru, 1988**

**Imħallef: –**

**Onor. Stephen Borg Cardona B.A., LL.D.**

Alfred Garroni

*versus*

Rose Garroni

## Digriet Interlokutorju – *Res Judicata*

*Id-digrieti interlokutorju ma jagħmlux ġudikat għall-Qorti li tkun tagħthom meta tinġieb raġuni sewwa, fil-fehma tal-Qorti biex titbiegħed minnhom.*

*Illi biex ikun hemm "res judicata" għandhom jinkorru t-tlett elementi ta' "eadam res", "eadem personae" u "causa petendi".*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, premess li l-

appartament numru 44/9 Dingli Circus, Sliema, huwa d-dar konjugali tal-kontendenti li huma miżżewġin u billi dan l-appartament huwa mogħti b'ċens lill-attur li għalih iħallas il-kera;

Premess li l-konvenuta qaflet lill-attur barra mill-imsemmija dar konjugali u għalkemm interpellata qiegħda tirrifjuta li tħallih jidħol u tikkonsenjalu ċ-ċwievet tal-post li hija biddlet kontra l-volontà tiegħu;

Talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut sabiex fi żmien qasir u perentorju tħalli liberu l-aċċess tad-dar konjugali għall-attur, u, għaliex fin-nuqqas m'għandux l-attur jiġi awtorizzat jidħol fl-imsemmi appartament inattiż kull ostakolu jew qfil li tagħmel il-konvenuta;

Bl-ispejjeż, kopriżi lira Maltija (Lm1) ta' l-ittra interpellatorja tat-3 ta' Settembru, 1976 u ta' l-ittra uffiċjali ta' l-20 ta' Novembru, 1976 kontra l-konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur u l-lista tax-xhieda tiegħu;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta fejn qalet li fid-dawl ta' l-istanza ta' separazzjoni personali promossa mill-istess attur kontra l-eċċipjenti l-istanza odjerna kienet legalment inattendibbli; Li f'kull każ, l-istanza odjerna hi kompletament inutili billi, kif ingħad, diġà hemm pendenti bejn il-partijiet kawża ta' separazzjoni personali li fiha l-attur seta' – salv dak li se jingħad iressaq it-talba odjerna. F'dan il-każ, tosta għat-talba odjerna s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Marzu, 1978, fil-kors tal-kawża ta' separazzjoni hawn fuq imsemmija;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda tagħha;

Rat is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-22 ta' Novembru, 1982, li biha laqgħet it-talbiet ta' l-attur u kkundannat lill-konvenuta biex fi żmien tmint ijiem mid-data tas-sentenza tħalli liberu aċċess tad-dar konjugali 44/9 Dingli Circus, Sliema, għall-attur; u fin-nuqqas awtorizzat lill-istess attur jidħol fl-imsemmi appartament inattiż kull ostakolu jew qfil li tagħmel il-konvenut; bl-ispejjeż kontra l-konvenuta;

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tas-7 ta' Marzu, 1988, fejn annullat is-sentenza appellata u rrimettiet lil din il-Qorti l-proċess għall-kontinwazzjoni;

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-konvenuta kif ukoll dik ta' l-attur;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Ikkunsidrat:

Illi l-artikolu 230 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jgħid li digrieti interlokutorji ma jagħmlux ġudikat għall-Qorti li tkun tagħthom meta tinġieb raġuni sewwa, fil-fehma tal-Qorti, biex titbiegħed minnhom. Illi biex ikun hemm *"res judicata"* għandhom jinkorru t-tlett elementi ta' "*eadem res, personae* u *causa petendi"*. Id-digriet ta' din il-Qorti tal-25 ta' Frar, 1977, ikkonfermat mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Marzu, 1978, ċaħad it-talba ta' l-attur sabiex il-qorti tassenja l-appartament numru 1, *St. Mary Flats, D'Argens Junction, Savoy,* lill-konvenuta u l-oħra sabiex jiġi awtorizzat jirriprendi

l-pussess tad-dar konjugali 44/9 Dingli Circus, Sliema;

Fit-talba odjerna l-attur qed jitlob li jitħalla lilu liberu l-aċċess tad-dar konjugali u fin-nuqqas li jiġi awtorizzat li jidħol fl-istess dar;

Għalhekk jidher li jonqsu żewġ elementi;

In vista ta' dan, għalhekk, il-Qorti tiċħad l-eċċezzjoni ta' *"res judicata"*;

Fil-mertu, din il-Qorti tħoss li m'għandhiex tagħmilha ta' Qorti ta' Appell, u terġa' tiftaħ il-mertu (ġà deċiż). Il-kawża ġiet rimessa lil din il-Qorti fuq difett proċedurali;

Għalhekk, fil-mertu wara li kkunsidrat dak li qalet fis-sentenza tagħha (diversament presjeduta) tat-22 ta' Novembru, 1982 li fil-każ in eżami għandna l-każ fejn l-attur, li hu l-kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti, li jiddetjeni l-fond in kwistjoni b'titolu ta' ċens, li jħallas għalih hu, qed jiġi impedut milli jidħol fid-dar konjugali li hu stess għandu dritt li jiffissa fejn hi; li barra minn hekk qed jiġi mpedut ukoll milli jkollu taħt idejh l-oġġetti kollha formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti billi l-parti l-oħra qabdet fost oħrajn biddlet is-serratura taż-żewġ bibien li minnhom jista' jkollu aċċess għad-dar konjugali arbitrarjament, ħaġa li fil-fehma ta' din il-Qorti (anke kif presjeduta) l-konvenuta b'ebda mod ma setgħet tagħmel;

Għalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li l-pretensjoni ta' l-attur hija valida u fondata;

Għalhekk għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċidi billi,

wara li tiċħad l-eċċezzjoni ta' *"res judicata"* imqajma mill-konvenuta, kif intqal fuq, tilqa' t-talbiet ta' l-attur u għalhekk tikkundanna lill-konvenuta biex fi żmien tmint ijiem mil-lum tħalli liberu l-aċċess tad-dar konjugali 44/9, Dingli Circus, Sliema, għall-attur, u fin-nuqqas tawtorizza lill-istess attur jidħol fl-imsemmi appartament inattiż kull ostakolu jew qfil li tagħmel il-konvenuta. Bl-ispejjeż mitluba kontra l-konvenuta.